## 13 ta' Marzu, 1953

Imħallef:
Il-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Walter Farrugia versus Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne.**

**Triq — Livell — Atti "Jure Imperii" u Atti "Jure Gestionis" — Gvern — Danni — Ġurisdizzjoni.**

***Għall-atti kompjuti "jure gestionis" il-Gvern jinsab, bħaċ-ċittadini kollha, suġġett għall-liġi u għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati; mentri għall-atti kompjuti "jure imperii" il-Qrati jistgħu biss jaraw jekk dawk l-atti ġewx magħmula mill-awtorità kompetenti u bil-formalitajiet li jmiss, iżda ma jistgħux jindaħlu fil-ġustizzja jew fl-opportunità ta' dawk l-atti.***

***L-att li bih il-Gvern jimponi lill-privat il-livell ta' triq li għandu josserva qabel ma jibni fuq dik it-triq, huwa att li l-Gvern jagħmel "jure imperii", li jisfuġġi għas-sindakabilità tat-tribunali.***

***Konsegwenza naturali u leġittima ta' dina l-insindakabilità hija illi l-Gvern huwa eżenti minn kwalunkwe responsabilità għad-danni.***

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, billi l-konvenuti nomine ppermettew lil sidien ta' bini biex jibnu fi triq ġdida li hija kontinwazzjoni ta' Sisters' Street, Casal Pawla, mingħajr ma tahom il-livell tat-triq; peress li, meta l-attur ġie biex jibni fl-istess triq, il-konvenuti ma ppermettewlux li jibni qabel ma jinżel u jħaffer għal-livell tat-triq, u b'hekk l-attur qiegħed isofri danni, għaliex il-bini tiegħu ġie f'livell wisq baxx aktar minn dak ta' bini ta' sidien oħra; talab li l-konvenuti nomine (1) jiġu kundannati li, fi żmien qasir u perentorju, jipprokuraw li l-bini l-ieħor jiġi għal-livell ta' dak *ta' l-attur*, li huwa l-livell kif impost mill-konvenuti; u (2) jiġu kundannati jħallsu lill-attur id-danni li sofra l-istess attur, li għandhom jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju jew f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tas-27 ta' Settembru 1912, kontra l-konvenuti nomine, li jibqgħu nġunti għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti ssollevaw diversi eċċezzjonijiet ta' indoli preġudizzjali; iżda l-Qorti sejra teżamina dik li tirrigwarda l-insindakibilità tad-dritt tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li jagħti l-livell tat-toroq miftuħa għall-użu publiku—liema dritt jinsab mogħti lid-Direttur ta' dak id-Dipartiment (art. 13 (5) LL. Pulizija). Dina l-eċċezzjoni hija assorbenti u komuni għaż-żewġ domandi ta' l-attur; u għalhekk huwa xieraq li tiġi eżaminata qabel l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

Illi hija ormaj paċifika fil-ġurisprudenza tagħna d-doppja personalità tal-Gvern, dik politika, għall-atti li jeżegwixxi "jure imperii" fl-eżerċizzju tal-poteri tas-sovranità fih investiti, u l-oħra ġuridika, għall-atti li jeżegwixxi "jure gestionis" fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet patrimonjali u ekonomiċi, li fihom "tamquam privatus egisse censetur". Kwantu għall-atti kompjuti "jure gestionis", il-Gvern jinsab, bħaċ-ċittadini kollha, suġġett għall-liġi u għall-ġurisdizzjoni tat-tribunali; iżda kwantu għall-atti kompjuti "jure imperii", il-Qrati jistgħu biss jaraw jekk dawn ġewx maħruġa mill-awtorità kompetenti u bil-formalitajiet li jmiss, iżda ma jistgħux jidħlu fil-ġustizzja jew fl-opportunità ta' dawk l-atti;

Illi, skond ma rritenie: dina l-Qorti fil-kawża "Busuttil vs. La Primaudaye", deċiża fil-15 ta' Frar 1894 (Kollez. XIV, 94), huma atti eżegwiti mill-Gvern "jure imperii" dawk l-atti li l-Gvern jagħmel "investito del sovrano potere, incaricato di dettare leggi, di prendere tutte le disposizioni necessarie perchè sieno eseguite, di distribuire la giustizia, di mantenere l'ordine e la sicurezza fra i cittadini, proteggendo i loro interessi morali, intellettuali e materiali". U De Lucca jgħid li jaġixxi "jure imperii" il-Gvern meta "induit personam publicam supremi moderatoris et regolatoris rei publicae, exercentis justitiam distribu ivam et administrantis publicam aeconomiam cum legibus et provisionibus generalibus" (De Locis Mantium, Cap. 23, no. 8, ċitat fis-sentenza riportata fil-Kollezzjoni, Vol. XVIII, parte III, paġ. 69);

Illi, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, jidher ċar li l-att eżegwit mill-konvenuti, u li kontra tiegħu qiegħed jinsorġi l-attur, jikkostitwixxi att "jure imperii". Difatti ma hemmx kuntrast li l-attur ġie miżmum mill-bini qabel ma josserva l-

livell impost mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Publiċi; liema livell huwa ntiż fil-vantaġġ u fl-interess tal-publiku u taċ-ċittadini in ġenerali;

Illi ma jirriżultax li dak l-ordni ma ġiex mogħti mill-awtorità kompetenti, jew li ma ġiex emess bil-formalitajiet meħtieġa; u konsegwentement il-Qorti ma tistax tindaħal fil-ġustizzja jew l-opportunità ta' l-istess ordni, mingħajr ma tiddistruġġi l-insidakabilità tal-poter sovran li bih dak l-ordni sar;

Illi konsegwenza naturali u leġittima ta' dina l-insindakabilità hija l-eżenzjoni tal-Gvern minn kwalunkwe responsabilità għad-danni (Kollez. XXXIII—I—356 u 398);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra opposti mill-konvenuti;

Għal dawn ir-raġunijet;

Tilqa' l-eċċepita insindakabilità ta' l-imsemmi ordni mogħti mill-konvenuti nomine;

U konsegwentement tirrespinġi d-domandi ta' l-attur. Bl-ispejjeż.